MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 37/2002/1

**Malta Tourism Authority**

**Vs**

**Messrs F & A Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-awtorita' attrici fl-10 ta' Jannar, 2002, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lilll-konvenuti illi jhallsu lill-awtorita' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u tmintax-il lira Maltin (Lm1,718) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijeit dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mill-anness Dokument immarkat 'A'.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok irid jigi ppruvat jekk il-konvenuti kif indikati humiex l-operaturi attwali tal-Euroclub Hotel.
2. Illi minghajr hsara ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi, dejjem minghajr hsara ghas-suespost, l-ammont kif mitlub mhuwiex korrett.
4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'din il-kawza jikkonsistu fi *statement* u fotokopja tal-licenzja moghtija lill-konvenuti sabiex dawn jistghu joperaw lukanda jew *catering establishment*.

Mill-i*statement* esebit jidher illi l-konvenuti naqsu illi jaghmlu l-hlasijiet taghhom ghal diversi snin. Izda minkejja li kkontestaw il-kawza, l-konvenuti qatt ma dehru l-Qorti sabiex jaghtu l-verzjoni taghhom lanqas meta l-kawza kienet appuntata bil-hin specifikament ghall-provi taghhom.

Ghalhekk, il-Qorti trid tiddeciedi din il-kawza merament fuq il-provi migjuba mill-awtorita' attrici. Il-Qorti jidhrilha li dawn il-provi huma bizzejjed sabiex ilahhqu dik il-grad ta' prova necessarja ghas-success ta' l-istanza taghha, u ghalhekk fin-nuqqas ta' provi migjuba mill-konvenuti l-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' t-talba ta' l-awtorita' attrici u tikkundanna lilll-konvenuti jhallsu lill-awtorita' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u tmintax-il lira Maltin (Lm1,718) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijeit dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mill-i*statement* Dok. 'A'.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Deputat Registratur